



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12851/20

ESPACE 65
RECH 439
COMPET 553
MI 462
IND 207
EU-GNSS 23
TRANS 515
TELECOM 212
ENER 409
EMPL 505
CSDP/PSDC 551
CFSP/PESC 989

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	11 ta' Novembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	12347/20
Suġġett:	Orjentazzjonijiet dwar il-kontribut Ewropew fl-istabbiliment ta' prinċipji ewlenin għall-ekonomija spazjali globali Konklużjonijiet tal-Kunsill (11 ta' Novembru 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Orjentazzjonijiet dwar il-kontribut Ewropew fl-istabbiliment ta' prinċipji ewlenin għall-ekonomija spazjali globali" adottati permezz tal-proċedura bil-miktub fil-11 ta' Novembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

"Orjentazzjonijiet dwar il-kontribut Ewropew fl-istabbiliment ta' prinċipji ewlenin għall-ekonomija spazjali globali"

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-Konvenzjoni għall-Istabbiliment ta' Aġenzija Spazjali Ewropea tal-1975;
- fil-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea – li ssuċċediet l-Unjoni Ewropea – u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (il-"Ftehim Qafas"), li daħal fis-seħħ fl-2004;
- fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li daħal fis-seħħ fl-2009;

Il-bini ta' ekonomija spazjali Ewropea globalment kompetittiva u soda u appoġġ għall-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19

1. JISĦAQ li s-settur spazjali Ewropew imur lil hinn mill-programmi ffinanzjati pubblikament peress li huwa dejjem aktar xprunat minn attivitajiet spazjali kummerċjali u li hemm industrija Ewropea kompetittiva ħafna u katina ta' provvista li tippermetti lill-Ewropa tipparteċipa u tikkontribwixxi għat-tkabbir globali tal-ekonomija spazjali;
2. JILQA' l-progress sinifikanti li nkiseb fit-tħejjija tal-attivitajiet spazjali Ewropej futuri, upstream u downstream, kemm fir-rigward tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Aġenzija Spazjali Ewropea, flimkien mal-programmi spazjali nazzjonali tal-Istati Membri rispettivi tagħhom u programmi pubbliċi oħra;
3. JISĦAQ li l-arena spazjali globali hija kkaratterizzata minn għadd akbar ta' atturi spazjali – kbar u żgħar, pubbliċi u privati; u JINNOTA li l-ekonomija spazjali globali qed tikber b'mod dinamiku kemm fis-setturi upstream kif ukoll downstream u taqbeż il-valur tal-programmi pubbliċi. Hija xprunata mill-innovazzjoni u opportunitajiet ġodda tas-suq, u b'hekk is-settur spazjali qed jinbidel dejjem aktar f'suq matur u vijabbli b'iktar effetti sekondarji fi swieq oħra;
4. JISSOTTOLINJA li f'dan il-kuntest li qed jevolvi, l-Ewropa teħtieġ issaħħaħ l-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-programmi spazjali tagħha, issaħħaħ il-kummerċjalizzazzjoni tal-ispazju u trawwem is-suċċess tal-industrija spazjali Ewropea fis-swieq globali; u għalhekk, JISĦAQ li l-punti b'saħħithom u l-kompetenzi tal-atturi kollha iridu jiġu mobilizzati;
5. JENFASIZZA l-hteġa li l-industrija spazjali tagħmel użu sħiħ mill-opportunitajiet li qed jiżviluppaw b'mod rapidu kif ukoll li s-settur pubbliku jippromwovi approċċi bbażati fuq is-suq għal effiċjenza akbar fis-settur spazjali, fi sħubija mal-industrija, biex jintuża l-potenzjal sħiħ tas-suq;

6. JAGĦRAF il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività globali tal-industrija spazjali Ewropea u l-ktajjen ta' provvista fir-rigward tas-swieq internazzjonali inkluż permezz tat-tisħiħ ta' kundizzjonijiet ekwi globali u t-trawwim ta' ekonomiji miftuħa, inkluż kummerċ ħieles u ġust, abbażi ta' soluzzjonijiet multilaterali u reċiproċità; f'dan ir-rigward, JISĦAQ li hemm ħtieġa li l-Ewropa tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' dawn il-prinċipji ewlenin għall-ekonomija spazjali globali;
7. JISĦAQ li huwa meħtieġ approċċ ġdid biex titħeġġeġ l-intraprenditorija spazjali billi jiġi promoss l-aċċess għall-finanzjament u diversi opportunitajiet ta' finanzjament, b'mod partikolari għal negozji ġodda, negozji li qed jespandu, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja sabiex irendu l-potenzjal sħiħ tagħhom għall-innovazzjoni; JENFASIZZA l-benefiċċji li jitnaqqsu l-ispejjeż ta' finanzjament għall-operaturi tas-satelliti u li l-kredituri jiġu pprovduti b'titoli prezzjużi u aċċessibbli għas-self tagħhom; u tal-promozzjoni tal-għarfien dwar l-istrumenti finanzjarji internazzjonali;
8. JENFASIZZA r-rwol speċifiku li għandhom l-applikazzjonijiet downstream fil-ġestjoni u l-mitigazzjoni tal-kriżi tal-COVID-19 f'bosta oqsma bħat-trasport, il-ġestjoni tar-riżorsi u t-telekomunikazzjoni; u JAQBEL dwar l-oġġettiv komuni Ewropew li tingħeleb il-kriżi tal-produttività b'mod partikolari minħabba t-theddida tal-COVID-19, permezz ta' appoġġ parzjalment pubbliku lill-industrija, f'koerenza sħiħa mal-liġijiet applikabbli u f'komplementarjetà bejn l-UE, l-ESA u l-Istati Membri rispettivi tagħhom, li jibbenefika wkoll għar-rivitalizzazzjoni tal-industrija spazjali permezz ta' opportunitajiet miftuħa mid-diversi miżuri pubbliċi ta' rkupru;
9. JENFASIZZA b'mod ġenerali l-ħtieġa li l-UE, l-ESA u l-Istati Membri rispettivi tagħhom jikkontribwixxu abbażi tal-kompetenzi rispettivi tagħhom għar-regolamentazzjoni jew il-prinċipji internazzjonali f'fora multilaterali fil-futur; u JTENNI f'dan il-kuntest l-intenzjoni li jsaħħaħ it-tmexxija Ewropea fl-użu sostenibbli tal-ispazju;

Trawwim tal-Awtonomija Spazjali Ewropea, is-Sigurtà u r-Reżiljenza

10. JENFASIZZA li l-ispazju jipprovdi l-mezzi ta' appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' informazzjoni estratta mill-ispazju, in situ u data oħra, u billi jipprovdi servizzi li l-ebda settur ieħor ma jista' jipprovdi;
11. JAGĦRAF li, anke għal attivitajiet relatati mas-sigurtà, l-UE, l-ESA u l-Istati Membri rispettivi tagħhom għandhom kompetenzi paralleli fil-politika spazjali Ewropea biex jiddeterminaw il-ħtiġijiet Ewropej għall-indipendenza u l-awtonomija teknoloġika, mingħajr preġudizzju għas-sigurtà nazzjonali;
12. JENFASIZZA l-ħtieġa għad-disponibbiltà Ewropea ta' ċerti komponenti u n-nondipendenza teknoloġika u l-iżvilupp ta' ktajjen ta' provvista reżiljenti;
13. ITENNI li jeħtieġ li l-Ewropa żżomm aċċess sigur, awtonomu, affidabbli, kosteffettiv u affordabbli għall-ispazju; JISĦAQ li l-Aġenzija Spazjali Ewropea flimkien mal-industrija Ewropea jkomplu jipprovdu sistemi ta' llanċjar u t-teknoloġiji tagħhom, u li l-Unjoni Ewropea, l-ESA u l-Istati Membri rispettivi tagħhom huma klijenti importanti tas-servizzi ta' llanċjar Ewropej; u JENFASIZZA l-benefiċċju tal-użu ta' servizzi ta' llanċjar Ewropej għall-missjonijiet istituzzjonali kollha fl-Ewropa, u l-ħtieġa għad-dħul fis-servizzi ta' sfruttament ta' Ariane 6 u VEGA-C; JINNOTA l-ħtieġa li jiġu diskussi perspettivi futuri għall-infrastrutturi tal-art u t-teknoloġiji tal-lanċjaturi;
14. JINNOTA li hemm għadd ta' inizjattivi ta' Ġestjoni tat-Traffiku Spazjali madwar id-dinja; JISSOTTOLINJA li l-Ewropa tiżviluppa l-evitar tal-kolliżjonijiet tal-inġenji spazjali, it-tekniki tat-tneħħija tar-residwi spazjali, l-evitar tar-residwi spazjali, topera u tiżviluppa l-kapaċitajiet ta' Sorveljanza u Insekwiment fl-Ispazju (SST) biex tikseb livell oġhla ta' awtonomija strateġika, sabiex timmaniġġja b'mod effettiv l-aċċess u r-ritorn mill-operazzjonijiet tal-ispazju extratmosferiku u fl-orbita;

15. JAGĦRAF il-ħtieġa għal approċċ koordinat Ewropew akbar għall-ġestjoni tat-traffiku spazjali (inkluż tekniku u operazzjonali), sabiex jiġu ppreservati l-interessi tiegħu, biex jiġu protetti l-investimenti privati u pubbliċi fl-ispazju b'mod sostenibbli; u f'din il-perspettiva JIPPROPONI lill-atturi kompetenti kollha biex jibdew djalogu Ewropew flimkien mal-akkademja u l-industrija, inkluż eżerċizzju ta' mmappjar tal-oqfsa regolatorji attwali fl-Ewropa li għandu jiġi diskuss f'konferenza Ewropea apposta;
16. JILQA' l-fatt li l-Unjoni Ewropea qed tesplora l-possibbiltà li tiddikjara l-aċċettazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont it-Trattati u l-Konvenzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ispazju Extratmosferiku; u JILQA' l-adozzjoni mill-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-preambolu u 21 linja gwida għas-sostenibbiltà fit-tul tal-attivitajiet fl-ispazju extratmosferiku; u JINKORAĠĠIXXI l-implimentazzjoni rapida;
17. JIPPROWOVI politiki dwar id-drittijiet tal-proprietà intellettuali li jiffavorixxu l-investiment industrijali, sabiex il-ġestjoni effettiva u l-aċċess aktar faċli għad-drittijiet tal-proprietà intellettuali fil-qasam tal-ispazju jsaħħu s-suċċess u l-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea;
18. Għalhekk, JISĦAQ li tintuża b'mod wiesa' l-flessibbiltà fl-akkwist pubbliku, meta offruta mir-regoli rispettivi għad-drittijiet tal-proprietà intellettuali, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju sabiex jinħolqu opportunitajiet għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom;
19. JISĦAQ li ċ-ċibersigurtà u s-sigurtà u r-reżiljenza huma ta' importanza dejjem akbar għall-preservazzjoni tal-operabbiltà u l-affidabbiltà tas-sistemi spazjali operazzjonali Ewropej, fuq il-post u fl-ispazju; u JISSOTTOLINJA li hemm suq globali li qed jikber malajr għal soluzzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u reżiljenza ċibernetika għall-ispazju li jirriżultaw f'opportunitajiet kummerċjali għall-industrija Ewropea;
20. JINNOTA li diġà hemm għadd ta' inizjattivi promettenti relatati maċ-ċiberspazju; u JISTIEDEN lill-atturi istituzzjonali rilevanti biex jaħdmu fuq approċċ Ewropew komuni għas-sikurezza u s-sigurtà u r-reżiljenza ċibernetika fl-ispazju;

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni spazjali Ewropea, inkluż is-sostenibbiltà tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali

21. JENFASIZZA l-importanza ta' strateġija ta' innovazzjoni għal Spazju Ġdid b'enfasi fuq aktar kummerċjalizzazzjoni, kompetittività u effiċjenza u objettivi komuni Ewropej fil-perspettiva ta' terminu medju u twil;
22. JENFASIZZA r-rwol essenzjali tas-settur downstream għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi, b'mod partikolari t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomiji u s-soċjetajiet, biex b'hekk jiżdiedu l-kompetittività u l-effiċjenza, jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku u jkun ta' benefiċċju għal setturi mhux spazjali; u JAGĦRAF l-importanza li titrawwem kooperazzjoni bejn is-setturi spazjali u mhux spazjali f'oqsma bħall-enerġija, l-ambjent, l-agrikoltura, is-saħħa, il-konnettività u l-mobbiltà;
23. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Eżekuttiv tal-ESA biex iħejju mal-Istati Membri rispettivi tagħhom għal kontinwazzjoni sħiħa u mtejbha tal-komponenti spazjali u tas-servizzi ta' Copernicus lil hinn mill-punt ta' deċiżjoni ewlieni tal-2021, bil-għan li jiġu żviluppati bis-sħiħ is-sitt missjonijiet ta' espansjoni ta' Copernicus, soġġett għad-disponibbiltà ta' finanzjament suffiċjenti;
24. JISĦAQ li l-ispace jista' jikkontribwixxi għal sħubijiet internazzjonali, speċjalment mal-Afrika, li jindirizzaw il-prospetti u l-isfidi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u l-ambjent biex jiġu żgurati l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-istabbiltà;
25. JAPPOĠĠA, mingħajr preġudizzju għall-prijoritajiet diġà stabbiliti għas-satelliti Sentinel li jmiss, l-estensjoni tad-data ta' osservazzjoni tad-Dinja għal riżoluzzjoni spettrali, temporali u spazjali oġġla, bl-użu ta' ġenerazzjonijiet ipplanati u futuri ta' satelliti, imfassla u żviluppati abbażi tal-ħtiġijiet tal-utenti, u billi jingħaqdu ma' sistemi eżistenti pubbliċi jew privati Ewropej u b'kont meħud tad-dimensjoni tas-sigurtà ta' data ta' riżoluzzjoni spazjali għolja; u JAPPOĠĠA wkoll li l-użu tal-intelliġenza artifiċjali għall-analiżi tad-data għandu jiġi estiż biex jippermetti żvilupp ta' tfixkil u l-ħolqien ta' prodotti u swieq ġodda, li direttament jissarrfu f'benefiċċji għaċ-ċittadini Ewropej;

26. JENFASIZZA l-importanza ta' azzjonijiet ikkoordinati mill-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Istati Membri rispettivi tagħhom, abbażi tal-kompetenzi paralleli u l-kompiti u r-responsabbiltajiet rispettivi u b'rispett sħiħ tal-kuntest istituzzjonali u l-oqfsa operazzjonali biex tissaħħaħ il-Politika Spazjali Ewropea;
27. JISTIEDEN l-iżvilupp ta' djalogu abbażi tal-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-ESA fid-dawl tal-miżuri u l-azzjonijiet industrijali meħtieġa biex jiġu żgurati s-sinerġiji u jiġu stabbiliti attivitajiet downstream konġunti u l-fertilizzazzjoni reċiproka fost il-programmi ffinanzjati pubblikament fl-Ewropa; u meta possibbli permezz ta' premjijiet u/jew għotjiet li għandhom jiġu attribwiti lil SMEs, negozji ġodda, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, negozji li qed jespandu, organizzazzjonijiet ta' riċerka u laboratorji sabiex jiżdied l-użu mill-utenti billi jiġu implimentati politiki pubbliċi, jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku u jkunu ta' benefiċċju għas-setturi mhux spazjali;
28. JENFASIZZA li sabiex tissaħħaħ il-koordinazzjoni għall-iżvilupp tal-Politika Spazjali Ewropea ġenerali, inkluż is-sħubija UE-ESA, il-Kunsill Spazju jeħtieġ li jissaħħaħ permezz ta' laqgħat regolari mħejjija skont il-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-ESA.
-